BIRGU
Citta` Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** - Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270 Tel/Fax: 21802707
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**

16 ta' Jannar, 2009

## Minuti tal-laqgha numru 22(05)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu iltaqa' għal-laqgħa numru 22(05), fl-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill f'Couvre Porte nhar l-Erbgħa 3 ta' Diċembru, 2008 fi 6:00 ta' filgħaxija.

**Preżenti**

Is-Sur John Boxall - Sindku, is-Sur Christopher Cassar – Viċi Sindku, is-Sinjura Miriam Grech – Kunsilliera, is-Sur Ivan Peresso – Kunsillier u s-Sinjura Judith Saliba - Kunsilliera.

**Talba**

Is-Sur John Boxall, Sindku, qal it-talba u tah bidu għal-laqgħa.

### 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti.

Il-Minuti tal-laqgħa 20(05) ittieħdu bħala moqrija.

1.1 Dwar item 1.2(21/05), is-Sindku talab lis-Segretarja Ezekuttiva tieħu ħsieb mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Kultura, għar-risposta min-naħa tagħhom.

1.2 Item 1.4(21/05). Is-Sindku, s-sur John Boxall, ssuġerixxa sabiex tintbagħat korrispondenza lil Stefania Siscotel raprezentanta tal-Kunsill ta' Casorate Sempione jekk hemmx xi proġett iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea dwar komunikazzjoni permezz tal-posta elettronika sabiex tfal bejn l-11 u l-14 – il sena mill-Birgu jikkorrispondu ma' tfal minn Casorate Sempione bil-lingwa Taljana u dik Maltija. Hawnhekk is-Sur John Boxall

issuġerixxa sabiex tintbagħat mailshotlir-residenti kollha u tinħareġ applikazzjoni għat-tfal bejn l-11 u l-14 –il sena. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.3 Dwar item 1.5(21/05) is-Sindku s-Sur John Boxall, fakkar lill-kunsilliera preżenti li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, l-istess Kunsill tah l-fakulta' sabiex jagħżel hu l-persuna biex takkumpanjah għall-konferenza ta' l-ibliet Storiċi tal-Meditrerran li ser issir ġewwa Betlehem u għaldaqstant is-Sindku ssuġerixxa sabiex jakkumpanjah is-Sur Joseph Scicluna, dan bħala ringrazzjament ta' dak kollu li qed jagħmel mal-Kunsill Lokali u ma' l-ghaqdiet tal-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.4 Item 1.6(21/05). Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li fi ħdan l-Assoċjazzjoni AVEC hemm l-inkwiet. Is-Sinjorina Amandine Leopold reġgħet ġiet lura u ser terġgħa tokkupa l-kariga tas-Segretarja ta' din l-Assoċjazzjoni, iżda għall-kuntrarju s-Sur Benoit Stievenart, responsabbli mill-proġett Qualicities ma kienx preżenti għal-laqgħa ta' l-Eżekuttiv. Waqt din l-imsemmija laqgħa l-President ta' l-Assoċjazzjoni Christian Mourisard safaq fuq l-importanza li l-proġett Qualicities jitkompla. Hawnhekk is-Sindku qal li fil-laqgħa hu fehem lill-Kunsill Amministrattiv li kif jista' il-kunsill tal-Birgu ikompli f'dan il-proġett meta l-istess kunsill nefaq il-flus allokati lilu u ngħata l-label ta' Qualicities u sal-lum ma rciviex il-flus dovuti lilu. Is-Sindku qal li l-awditur xeba' jiġbed l-attenzjoni u kaġun ta' dan il-proġett, il-kunsill qiegħed f'deficit. Is-Sindku nforma lill-Kunsill, li kull xahar min-naħa tal-Kunsill nikkomunikaw mas-Sur Benoit Stievenart permezz ta' email sabiex jintbagħtu l-flus imwegħda iżda sal-lum ma rċivejna xejn u s-Sindku stqarr li wasal iż-żmien li l-Kunsill Lokali tal-Birgu jibghat notifika finali. Għaldaqstant is-Sindku ssuġerixxa sabiex tintbagħat ittra lil Benoit Stievenart li nġibdet attenzjoni mill-awditur dwar l-ammont imwiegħed mill-Proġett Qualicities u li dan qed jikkawza deficit, jekk sa' tali ġurnata ma nirċievux l-ammont dovut se nressqu dan il-kaz quddiem l-Unjoni Ewropea. Il-Kunsilliera Judith Saliba ssekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li dwar item 1.8(21/05) għall-korsijiet tal-kompjuter ser jattendu madwar 70 parteċipant. L-Kors ser jinbeda f'Jannar, 2009.

1.6 Item 1.10(21/05), is-Sur John Boxall qal li l-Kunsill bagħat ittra lill-għaqdiet u s-soċjetajiet kollha sabiex jintbgħatu s-suġġerimenti tagħhom u qegħdin nistennew risposta u għaldaqstant l-attivita ta' Jum il-Birgu 2009, għandha tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

1.7 Dwar item 1.12(21/05), is-Sindku qal li t-tender għall-ġbir ta' skart goff, għas-servizz ta' perit u għas-servizz ta' accountant nħarġu u ser jagħlqu nhar il-Ġimgħa 5 ta' Diċembru, 2008.

1.8 Dwar item 2.2(21/05), is-Sindku nforma lill-Kunsilliera preżenti li fuq parir li ngħata mingħand il-Perit David Vassallo dwar il-preokkupazzjoni tal-Kunsill dwar il-progett ta' Triq San Lawrenz, nkitbet ittra lil Ministru Tonio Fenech fejn ġie mitlub sabiex jintervjeni huwa direttament. Is-Sindku qal li l-Ministru Tonio Fenech sal-lum għadu ma

rrispondiniex. Hawnhekk is-Sindku qal li jekk il-Kunsill Lokali tal-Birgu jitlob sabiex dan isir tarmac minflok cangatura tal-qawwi, u t-triq tibqa hekk u ma ssirx biż-żonqor kif ġie mwiegħed lill-Kunsill.

1.9 Dwar Item 2.3(21/05). Is-sindku preżenta kopja tal-permessi speċjali u dawk normali għall-iskema tal-parkeġġ awtorizzat ġewwa l-Birgu flimkien ma' pocket li ser jingħata mal-permess. Wara d-diskussjoni, s-Sindku ssuġerixxa sabiex il-prezz ma jibqax ta' €1.16 iżda jkun ta' €2 minhabba li l-ispiza ta' l-imsemmija pockets hija ferm ghola minn dik ta' l-istickers ezistenti. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.10 Dwar item 2.5(21/05).Is-Sindku qal li bl-għajnuna tas-Sur Francis Żammit Dimech, il-Kunsill Lokali tal-Birgu ġie mistieden sabiex jipparteċipa għall-konferenza li ser issir ġewwa Gela fl-Italja bejn il-11 u l-14 ta' Diċembru, 2008 fejn għal din il-konferenza ser ikun hemm kollox mħallas. Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera preżenti li kif ġie deċiz fil-laqgħa tal-Kunsill preċidenti, għal din il-konferenza ser jattendu huwa, l-Kunsilliera Judith Saliba u s-Sinjorina Ritianne Bonnici, skrivana mal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

1.11 Dwar item 10.1 (21/05) is-sur John Boxall qal li l-Kunsill qiegħed jistenna sabiex ic-CCTV Camera fi Triq il-Lbiċ titwaħħal minn sid il-ħanut D Centre.

1.12 Item 10.3(21/05) is-Sindku nforma lill-Kunsilliera preżenti li l-kunsill ġie nfurmat minn rappreżentanti tas-Soċjeta Caritas tal-Birgu, li ma xtaqx li l-party ta' l-anzjani jkun organizzat bil-kollaborazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

1.13 Dwar item 10.4(21/05). Is-sur John Boxall qal li s-Sinjorina Josette Ciantar għamlet talba lill-Kumpanija IPSL sabiex ma tibqax assenjata mal-Kunsill Lokali tal-Birgu, liema talba ġiet aċċetata. F'dan ir-rigward l-Kumpanija IPSL ser tibgħat lis-Sur Joseph Gauci minflok is-Sinjorina Josette Ciantar.

## 2. Korrispondenza

2.1 Email mingħand is-Sur James Catania dwar applikazzjonijiet għall-proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea taħt l-Interreg IVC . Is-Sindku żied jgħid li dwar din is-sejħa, hu kien kellem lis-Sur Jesmond Xuereb, CEO tal-Fondazzjoni Temi Zammit.

2.2 Ittra mingħand is-Superjur tal-Museum tas-subien, is-Sur Joey Bugeja fejn talab lill-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex bħal snin preċidenti jagħti borza ħelu lit-tfal kollha li jieħdu sehem fil-Purċissjoni tal-Bambin f'lejlet il-Milied. Wara diskussjoni, s-Sindku ssuġerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' din it-talba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.3 Is-Sur John Boxall, Sindku, preżenta għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport dwar il-ġemellaġġ mall-Villaġġ ta' Casorate Sempione, fl-Italja. Wara diskussjoni, s-Sindku, is-

Sur John Boxall issuġerixxa sabiex il-Kunsill japprova dan ir-rapport. Il-Kunsilliera Judith Saliba ssekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.4 Korrispondenza mingħand is-Sur Godwin Vella, Kuratur, fi ħdan il-Palazz ta' l-Inkwiżitur fejn ippropona sabiex il-Heritage Malta flimkien mal-Kunsill Lokali Birgu jorganizzaw Festival ta' Logħob Tradizzjonali Malti ġewwa l-Birgu nhar il-Ħadd 29 ta' Marzu, 2009. Wara diskussjoni, is-Sindku ssuġerixxa sabiex il-Kuinsill japprova din it-talba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.5 Is-Sindku s-Sur John Boxall ipreżenta kopja tal-fuljett maħruġ mis-Soċjeta Mużikali San Lawrenz fejn kien hemm artiklu mingħand is-Sur Paul Micallef, f'liema artiklu, is-Sur Micallef jagħti xejn inqas minn xejra negattiva lill-Kunsill u fl-ebda moment ma jsemmi l-attivitajiet u l-inċentivi li l-Kunsill jagħti lill-għaqdiet.
Wara d-diskussjoni, is-Sindku ppropona sabiex tinkiteb ittra lill-President ta' din is-soċjeta, fejn jintalab il-possibilita biex il-Kunsill jirribatti dak li nkiteb mis-Sur Micallef għax fl-opinjoni tal-Kunsill, il-kitba tas-Sur Micallef tirrifletti l-ħsieb tas-Soċjeta. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.6 Is-Sindku ppreżenta ittra mibgħuta lill-Arċipriet tal-Birgu flimkien ma' rendikont ta' l-infieq mil-Lulju 2007 sa Ottubru, 2008 għat-tindif taċ-ċimiterju. Is-Sindku talab lill-Arċipriet sabiex tiġi ppreżentata lill-Kapitlu ħalli jkunu jafu x'qed jintefaq min-naħa tal-Kunsill għall-parroċċa.

2.7 Ittra mingħand is-Sur Raymond Micallef minn kumpanija privata assenjata mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jisponsorja parti mill-proġett fejn ser isir ktieb u cartoon DVD li ser jitqassam b'xejn lill-iskejjel ta' l-istat. L-għan prinċipali ta' dan il-proġett huwa li titqajjem għarfien dwar l-annimali domestiċi u kif għandhom jiġu ttratati. Is-Sindku żied jgħid li d-donazzjoni mitluba kienet ta' €116 (Lm50). Għaldaqstant is-Sindku ssuġerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' din it-talba u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.8 Is-Sur John Boxall, Sindku ppreżenta ittra mingħand l-Avukat tal-Kunsill bħala risposta għall-ittra mibgħuta mingħand l-Avukat tas-Sinjorina Josette Ciantar.

2.9 Email mingħand is-Sinjorina Reneta Palova fejn infurmat lill-Kunsill Lokali tal-Birgu li l-proġett Signs in the City ġie approvat u magħżul mill-Kummisjoni Ewropea. Hawnhekk is-Sindku ssuġerixxa sabiex dan il-proġett ikun f'idejn il-Kunsilliera Miriam Grech. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 3. <u>L-attivita' tal-Birgu By Christmas Lights 2008</u>

Is- Sindku tah rendikont lill-Kunsilliera tal-preparamenti li qed isiru għall-attivita tal-Birgu By Christmas Lights 2008. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li din l-attivita ser tibbenifika wkoll mill-iskema maħruġa mis-Segretarju Parlamentari għad-djalogu

Pubbliku Dr. Chris Said għall-attivitajiet li jsiru fil-lokalita'. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera sabiex jagħtu s-sehem tagħhom f'din l-attivita'.

## 4. <u>Il-Proġett Oralities iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea</u>

Il-Viċi Sindku, s-Sur Christopher Cassar ipreżenta preżentazzjoni fuq il-proġett Oralities li hu flimkien mas-Segretarja Eżekuttiva ppreparaw wara l-attendenza tagħhom għal-laqgħa f'Evora l-Portugal. Is-Sur Cassar, Viċi Sindku, spjega li l-għan ta' dan il-proġett kien li tingħata promozzjoni tal-Kultura tal-pajjiżi parteċipanti bl-għajnuna tal-mużika u t-teatru. Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsilliera li għal dan il-proġett ser jiġu organizzati diversi festivals mużikali kif ukoll 'programme circuits' u għaldaqstant issuġerixxa sabiex tinħareġ sejħa għall-applikazzjonijiet għall-kantanti u atturi. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Hawnhekk is-Sur Cassar, Viċi Sindku nforma li fil-Birgu l-ewwel 'programme Circuit' ġie ssuġeriet li jittella' bejn it-8 u d-9 ta' Mejju, 2009. Għaldaqstant is-Sindku ssuġerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu, jinforma lill-parteċipanti l-oħra ta' dan il-proġett sabiex bejn it-8 u d-9 ta' Mejju, issir ukoll laqgħa għal dan il-proġett. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## <u>5. Coffee morning għall-anzjani għal żmien il-Milied</u>

Il-Kunsilliera Judith Saliba ssuġeriet li peress il-Kunsill Lokali tal-Birgu din is-sena mhux ser jorganizza l-party ta' l-anzjani flimkien mal-Caritas jorganizza coffee morning għall-anzjani ġewwa Gallerija Couvre Porte. Wara diskussjoni, s-Sindku ssuġerixxa sabiex il-Kunsill ma jorganizza l-ebda attivita għall-anzjani għal żmien il-Milied peress li ż-żmien kien qasir wisq u minn flok jibdew il-preparamenti sabiex jiġi organizzat party kbir għall-anzjani għal żmien l-Għid. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## <u>6. Il-Belvedere fi Triq La Vallette</u>

Il-Kunsilliera Miriam Grech infurmat lill-Kunsill Lokali tal-Birgu li ġiet avviċinata mingħand ċertu persuni dwar il-kiosk li ser jinbena fuq il-belvedere fi Triq La Vallette. Il-Kunsilliera sostniet li ċertu anzjani qed jibzgħu li ser jitilfu l-isvog tagħhom għas-sajf. Hawnhekk is-Sindku sostna li l-permess għall-gabbana fuq il-belvedere fi Triq La Vallette kien ħareġ mill-MEPA iżda l-istess Awtorita talbet sabiex il-gabbana tersaq fil-ġenb sal-bankijiet. Is-Sindku qal li din ser tkun gabbana ta' livell għoli, liema gabbana mhux ser iddejjaq lin-nies tal-madwar u barra minn hekk ser jinqatgħu l-logħob tal-ballun tat-tfal.

## <u>7. Il-Proġett ta' Triq San Lawrenz</u>

Dan l-item ġie diskuss f'item 1.8 fil-minuti.

## 8. Il-Ground tal-Football tal-Fortini

Il-Kunsilliera Miriam Grech talbet sabiex il-proġett tal-ground tal-football tal-fortini jiġi diskuss anke' ma' l-MFA biex forsi din l-assoċjazzjoni toffri l-għajnuna tagħha. Is-Sindku stqarr li min-naħa tal-Ministeru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali qed isiru diversi studji u xogħlijiet u wieħed għandu jistenna risposta min-naħa ta' dan il-Ministeru. Is-Sindku żied jgħid li huwa ta' mportanza li l-kuntratt li hemm mal-Vittoriosa Stars F.C. irid jinbidel b'digriet mill-parlament.

## 9. Affarijiet Oħra.

9.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera, li l-Kunsill ġie mistieden sabiex itella' żewġ programmi ta' siegħa – il wieħed fuq l-istazzjon tar-Radju mtella' mis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi liema programm ser jitmexxa mill-Kunsill. Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera li huwa mportanti li jattendu.

9.2 Is-Sur John Boxall, Sindku, informa lill-Kunsilliera li gie magħraf li s-segretarju Parlamentari Dr. Mario Demarco li tahtu taqa ir-responsabbilita ta' l-Awtorita' tat-turizmu ircieva ittra mill-Kunsill Lokali ta Bormla, fejn talbuh l-għajnuna ta' l-Awtorita' tieghu għall-attivita li ser tittella' mill-Kunsill u stqarr li l-Awtorita' qedgha tgħin lill-Kunsill Lokali tal-Birgu biss, u Bormla tagħmel ukoll parti mill-Kottonera fost hafna kliem iehor. Wara d-diskussjoni is-Sindku ssuġerixxa sabiex attivitajiet imtella' mill-Kunsill Lokali ta' Bormla, il-Kunsill Lokali tal-Birgu ma jattendix. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgħa ntemmet fi 9:30 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| ______________________ | | ______________________ |
| Christine Bonello | ikkonfermati | John Boxall |
| Segretarja Ezekuttiva | | Sindku |